MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Mandat Numru. 437/2012/1

**Joseph Scerri (ID 494858M) u Joseph Caruana (ID 97952M) bhala Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Bormla**

***kontra***

**Ministeru ghar-Risorsi u Affarijiet Rurali, Transport Malta, Director General Works Division**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-30 ta` Marzu 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati bil-gurament mir-rikorrent Joseph Scerri, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati milli –

*Jkomplu jwettqu xogholijiet fi Triq 8 ta` Dicembru, Bormla, liema xogholijiet jaghmlu parti mill-Progett tar-*

*Rijabilitazzjoni ta` Couvre Porte, Birgu, skond permess tal-MEPA Numru PA 5522/09, u liema xogholijiet qed isiru bla ma kien hemm konsultazzjoni mal-esponenti kif jirrikjedi l-Kap.363 tal-Ligijiet ta` Malta u lanqas ma kien hemm notifika tal-permess relattiv fuq citat lill-kunsill imsemmi kif hu rikjest li jsir mill-MEPA u dan stante li minkejja x-xoghol ser jaffettwa hazin il-lokalita` ta` Bormla, kien biss il-Kunsill Lokali tal-Birgu li evidentement kien notifikat bil-permess u l-applikazzjoni.*

Rat id-dokument li kien esebit mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Marzu 2012 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimati b`ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat illi l-intimati kienu hekk notifikati fit-30 ta` Marzu 2012.

Rat ir-risposta tal-intimati Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u Direttur Generali Works Division li kienet prezentata fit-3 ta` April 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Rat id-dokument li kienu esebiti mar-risposta ta` dawn l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimata l-ohra u cioe` ta` Transport Malta li kienet prezentata fl-10 ta` April 2012 fejn hija wkoll, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` April 2012.

Semghet lill-Av. Dr. Franca Giordmaina bhala rapprezentant tad-tal-intimati Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u Direttur Generali Works Division, tiddikjara fl-istess udjenza, ghall-fini tal-**Art.873(3) tal-Kap.12** illi kieku ma kienx prezentat ir-rikors odjern, l-assistiti taghha – jew min minnhom – kienu sejrin ikomplu bit-twettieq tal-progett mertu ta` dan il-procediment.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza..

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess fejn halliet ir-rikors sabiex jigi dekretat kameralment.

**Ikkunsidrat :**

**In sintesi**, il-vertenza bejn il-partijiet li tirrigwarda dan il-mandat hija din –

Beda jitwettaq il-progett ta` restawr ta` Couvre Porte fil-Birgu mid-Dipartiment ghad-Disinn u l-Implimentazzjoni tal-Progetti. Il-progett jinvolvi r-restawr tal-fortifikazzjonijiet li jinsabu fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Parti mill-progett jinvolvi t-thaffir tal-foss (li kien mirdum) sabiex jerga` jinghata d-dehra originali tieghu. Jinvolvi wkoll it-tnaqqis fil-karreggjati tat-traffiku kif inhuma fil-prezent. Uhud minn dawn il-karreggjati jaqghu fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta` Bormla. Ir-ritratt DOK DG1 huwa dehra tas-sit kif jidher illum waqt li r-ritratt DOK DG2 huwa s-sit kif se jidher meta l-progett jitlesta. Ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw dwar il-karreggjati li qeghdin jidhru fil-parti ta` isfel kemm ta` DOK DG1 u ta` DOK DG2. Huma jsostnu li fejn il-progett jolqot dawk il-karreggjati kollox sar minghajr konsultazzjoni maghhom. Fil-mertu mbaghad l-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi bil-fatt illi l-karreggjati ezistenti sejrin jonqsu ghal tnejn – wahda f`kull direzzjoni – se jkun

ifisser zieda fil-volum tat-traffiku, it-tniggiz tal-arja u fil-hsejjes. Dak allegat mir-rikorrenti huwa kontestat mill-intimati.

**Ikkunsidrat :**

Skond l-**Art.873(1) tal-Kap.12** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Il-generalita` tal-kazi huma regolati bl-**Art.873(2) tal-Kap.12** li jaqra hekk –

*Il-Qorti **m'ghandhiex** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Fejn pero` it-talba ghall-hrug tal-Mandat tkun qeghda ssir kontra l-Gvern inkella kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni nkella kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha, (bhal ma huwa l-kaz tal-lum), iridu jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-**Art.873(3) tal-Kap.12** [mhux tal-Art.873(2)].

Fil-kaz tal-intimati, dan ifisser li t-talba ghall-hrug tal-Mandat ma tistax tintlaqa` jekk ma ssirx il-prova ta` l-jedd *prima facie* skond l-Art.873(1), kif ukoll skond l-Art.873(3), jekk ma jkunx hemm il-konferma tal-persuna li kontra taghha jkun qieghed jintalab il-hrug tal-Mandat bil-miftuh fil-qorti *li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir,* kif ukoll li *l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun*

*qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

Huwa ghalhekk ben evidenti li, sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat fil-kaz tal-intimati kollha, ir-rekwiziti huma stretti u l-qorti hija prekluza (***m`ghandhiex***) tordna l-hrug tal-Mandat jekk ir-rekwiziti **kollha** (minghajr eskluzjoni) jibqghu mhux sodisfatti.

Fil-procedura tal-lum, kien ben evidenti t-tentattiv tal-partijiet li jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni aktar wiesgha ta` bejniethom. Din il-Qorti trid tghid li l-procedura bhal dik tal-lum hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd. Mela unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, **mhux kompitu** ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista’ jew m’ghandu jippretendi li mad-“*daqqa t’ghajn*” ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi bil-procedura **specjali u partikolari** tal-Mandat ta’ Inibizzjoni dak li jispetta lil haddiehor illi jaghmel fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jkomplu jifhmu li l-mansjoni ta’ din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa **limitat u cirkoskritt** biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta’ Inibizzjoni. Ghalhekk din il-Qorti mhix mistennija toqghod tifli d-dettall ta’ kull prova nkluz id-dokumenti ghax dak l-esercizzju jispetta lil dik il-Qorti li ghad trid tiddeciedi l-kwistjoni fil-mertu, jekk ikun il-kaz.

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti sejra tqis l-ewwel ir-rekwizit tal-jedd *prima facie*.

Dwar dan ir-rekwizit, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Lulju 1988 fil-kawza **<u>“Grech pro et noe vs Manfre”</u>** qalet hekk –

... *huwa rekwizit **<u>oggettiv</u>** u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru ‘prima facie’, ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt illi ghax il-progett fl-assjem tieghu kien jolqot il-lokalita` tal-Birgu, jidher illi l-konsultazzjoni saret mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. B`daqshekk pero` ma jfissirx illi l-Kunsill Lokali ta` Bormla kien injorat. Jirrizulta illi t-tnedija tal-progett kienet ta` dominju pubbliku qabel ma saret l-applikazzjoni ghall-hrug tal-permess mill-MEPA. Mill-progett kollu, jirrizulta li dak illi jolqot lill-lokalita` ta` Bormla hija t-triq li tghaddi man-naha ta` barra tal-bini intiz ghar-restawr fil-wisgha tieghu. L-ewwel ilment tar-rikorrenti huwa li l-Kunsill Lokali ta` Bormla ma kienx konsultat. Mid-dokumenti esebiti, mhux hekk jirrizulta mad-“daqqa t`ghajn”. Jirrizulta infatti li ghalkemm kollox kien pubbliku, ir-rikorrenti rregistraw l-opposizzjoni taghhom mal-MEPA tardivament u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala *registered objectors.* Dan fl-2010. Is-sena ta` wara jirrizulta li kien hemm kuntatti anke bil-miktub bejn ir-rikorrenti u l-awtoritajiet governattivi fejn uhud mill-ilment tal-Kunsill kienu indirizzati u milqugha. Dan fl-2011. Ghalhekk huwa diskutibbli kif issa fl-2012 fl-ghatba tal-bidu tax-xogholijiet li sejrin jinvolvu anke t-triq in kwistjoni, tigi promossa l-procedura specjali u eccezzjonali tal-Mandat ta` Inibizzjoni. It-tieni ilment huwa aktar ta` meritu milli ta` procedura fis-sens illi r-rikorrenti qeghdin ighidu illi r-riduzzjoni tat-triq ghal zewg karreggjati – wahda f`kull direzzjoni – se jkollha impatt ambjentali negattiv. Din il-Qorti mhijiex hekk konvinta illi tezisti kwistjoni ta` allegat ksur ta` jedd “mad-daqqa t`ghajn” f`dan il-kuntest ghar-raguni illi rrizulta li r-riduzzjoni ghal zewg karreggjati trid titqies fl-ambitu tax-xogholijiet l-ohra fuq l-istess binarji li diga` qeghdin isiru mid-direzzjoni tac-centru tal-istess lokalita` ta` Bormla, kif jidher car mill-pjanti esebiti. Mela t-traffiku se jkun dirett fuq zewg

karreggjati bi hsieb u sabiex jigu skansati insidji bla bzonn fic-cirkolazzjoni tat-traffiku fis-sens illi t-traffiku jibqa` ghaddej bla xkiel u mhux johrog jew jidhol f`sistema ta` aktar karreggjati b`riskji bla bzonn. Inoltre mhux ippruvat lanqas “mad-daqqa t`ghajn” illi ghax il-karreggjati jinzlu ghal tnejn l-impatt ambjentali se jkun negattiv kif qeghdin ighidu r-rikorrenti.

**Accertat** in-nuqqas tal-ewwel rekwizit skond l-Art.873(1), din il-Qorti ma tarax li hemm il-htiega li tidhol fir-rekwiziti l-ohra.

Sabiex tohrog il-Mandat, il-Qorti hija obbligata taccerta ruhha li r-rekwiziti **kollha** jissussistu.

Ghalhekk fil-mankanza anke ta` rekwizit wiehed, il-Qorti ***m`ghandhiex*** tohrog il-Mandat. U hekk sejra taghmel din il-Qorti..

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------